KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 21.11.2008
KUMM(2008) 787 finali

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jaġġusta mill-1 ta' Lulju 2008 ir-rata tal-kontribuzzjoni tal-iskema tal-pensjonijiet tal-uffiċjali u l-aġenti l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej

{SEC(2008)2873}

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Motivi u għanijiet tal-proposta

Il-Kunsill għandu jiddeċiedi kull sena, dwar proposta mill-Kummissjoni, dwar l-aġġustament tar-rata tal-kontribuzzjoni għall-iskema tal-pensjonijiet b'seħħ mill-1 ta' Lulju.

Il-kuntest ġenerali

B'konformità mal-Artikolu 83a(4) tar-Regolamenti tal-Impjegati, il-Kummissjoni għandha tippreżenta kull sena lill-Kunsill verżjoni aġġornata ta' valutazzjonijiet attwarjali ta' kull ħames snin magħmula b'konformità mal-Anness XII tar-Regolamenti tal-Impjegati.

B'konformità mal-Artikolu 13 tal-Anness XII tar-Regolamenti tal-Impjegati, l-Eurostat ippreżenta r-rapport annwali relatat ma' din l-evalwazzjoni li tiddetermina r-rata tal-kontribuzzjoni meħtieġa biex ikun żgurat il-bilanċ attwarjali tal-iskema tal-pensjonijiet.

Konformi għall-Artikolu 12 tal-Anness XII tar-Regolamenti tal-Impjegati, ir-rata fl-Artikoli 4 u 8 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Impjegati għall-kalkolazzjoni tal-imgħax kompost għandha tkun r-rata effettiva msemmija f'Artikolu 10 tal-Anness XII u għnadha tkun, jekk meħtieġa, riveduta fi żmien il-valutazzjonijiet attwarjali ta' kull ħames snin.

Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

Il-proposta għandha tiġi ppreżentata kull sena biex taġġusta r-rata tal-kontribuzzjoni għall-iskema tal-pensjonijiet.

Konsistenza ma' politika u għanijiet oħra tal-Unjoni

Mhux applikabbli.

KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Il-metodi ta' konsultazzjoni użati, is-setturi prinċipali koperti u l-profil ġenerali ta' dawk li wieġbu

L-elementi tal-proposta kienu diskussi mar-rappreżentanti tal-impjegati skont il-proċeduri approprjati.

Sinteżi tat-tweġibiet riċevuti u tal-mod kif kienu kkunsidrati

Il-proposta tikkunsidra l-opinjonijiet mogħtija mill-partijiet ikkonsultati.

Ġbir u użu ta' għarfien espert

Ma kien hemm l-ebda ħtieġa ta' għarfien espert estern.

Valutazzjoni tal-impatt

Il-proposta għandha l-għan li taġġusta r-remunerazzjonijiet u l-pensjonijiet f'konformità mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ.

Il-leġiżlazzjoni fis-seħħ ma tippermettix alternattiva oħra.

ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Sinteżi tal-azzjoni proposta

B'konformità mal-Anness XII tar-Regolamenti tal-Impjegati, l-Eurostat ippreżentat rapport relatat mal-evalwazzjoni attwarja tal-iskema tal-pensjonijiet. Joħroġ minn din l-evalwazzjoni li r-rata tal-kontribuzzjoni meħtieġa sabiex jiġi żgurat bilanċ attwarju tas-sistema tal-pensjonijiet hija ta' 10.9% tas-salarju bażiku

Skont l-Artikolu 83a(4), fejn jintwera li hemm differenza ta' mill-inqas 0.25 punti bejn ir-rata ta' kontribuzzjoni attwalment applikata (10.25%) u r-rata meħtieġa biex jinżamm bilanċ attwarjali (10.9%), il-Kunsill għandu jikkunsidra jekk ir-rata għandhiex tiġi adattata, skont l-arranġamenti stabbiliti fl-Anness XII.

B'konformità mal-Artikolu 2(1), tal-Anness XII, l-aġġustament ma jistax jwassal għal kontribuzzjoni li tkun aktar minn punt perċentwali 'il fuq jew 'l isfelmirr-rata applikabbli fis-sena preċedenti.

Il-Kummissjoni għalhekk tipproponi li tadatta r-rata ta' kontribuzzjoni għal 10.9% b'effett mill-1 ta' Lulju 2008.

Skont Artikolu 12 tal-Anness XII, ir-rata f'Artikoli 4 u 8 tal-Anness VIII għall-kalkolazzjoni tal-imgħax kompost għandu jiġi aġġustat għal 3.1%.

Bażi legali

Ir-Regolamenti tal-Impjegati tal-Uffiċċjali tal-Komunitajiet Ewropej u notevolment l-Artikolu 83a u l-Anness XII tagħhom.

Prinċipju ta' sussidjarjetà

Il-proposta tikkonċerna qasam li jaqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Komunità. Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

Prinċipju ta' proporzjonalità

Il-proposta hi konsistenti mal-prinċipju ta' proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin:

L-Artikolu 83a tar-Regolamenti tal-Impjegati jipprovdi għal regolament tal-Kunsill.

Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq l-infiq. L-impatt fuq id-dħul jirriżulta direttament mill-applikazzjoni tal-metodu ta' aġġustament previst fir-

Regolamenti tal-Impjegati.

Għażla ta' strumenti

Strument propost: regolament.

Strumenti oħra ma kinux ikunu xierqa għar-raġunijiet li ġejjin:

L-Artikolu 83a tar-Regolamenti tal-Impjegati jipprovdi għal regolament tal-Kunsill.

IMPLIKAZZJONIJIET BAĠETARJI

L-impatt, fuq id-dħul, tal-adattament tar-rata tal-kontribuzzjoni tal-iskema tal-pensjonijiet hu ddettaljat fid-dikjarazzjoni finanzjarja li tinstab fl-Anness.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jaġġusta mill-1 ta' Lulju 2008 ir-rata tal-kontribuzzjoni tal-iskema tal-pensjonijiet tal-uffiċjali u l-aġenti l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolamenti tal-Impjegati tal-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Komunitajiet, iffissati mir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68, u notevolment l-Artikolu 83a u l-Anness XII tal-imsemmija Regolamenti tal-Impjegati,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) B'konformità mal-Artikolu 13 tal-Anness XII tar-Regolamenti tal-Impjieg, l-Eurostat ippreżenta, fl-1 ta' Settembru 2008, ir-rapport relatat mal-evalwazzjoni attwarja 2008 tal-iskema tal-pensjonijiet, li taġġorna l-parametri msemmija f'dan l-Anness. Joħroġ minn din l-evalwazzjoni li r-rata tal-kontribuzzjoni meħtieġa sabiex jiġi żgurat bilanċ attwarju tas-sistema tal-pensjonijiet hija ta' 10.9% tas-salarju bażiku

(2) Fl-interess tal-bilanċ attwarju tal-iskema tal-pensjonijiet tal-uffiċjali u l-aġenti l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej, r-rata tal-kontribuzzjoni għanda għalhekk tiġi aġġustata għal 10.9% tas-salarju bażiku.

(3) Skont Artikolu 12 ta' Anness XII tar-Regolamenti tal-Impjegati, ir-rata tal-kalkolazzjoni tal-imgħax kompost għandu jkun r-rata effettiva msemmija f'Artiklu 10 tal-Anness XII u għandu għalhekk jiġi aġġustat,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

B'effett mill-1 ta' Lulju 2008, r-rata tal-kontribuzzjoni msemmija f'Artikolu 83(2) tar-Regolamenti tal-Impjegati għanda tkun 10.9%.

Artikolu 2

Mill-1 ta' Jannar 2009, ir-rata f'Artikoli 4(1) u 8 ta' Anness VIII għall-kalkolazzjoni tal-imgħax kompost għanda tkun 3,1%

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil- *Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦAL PROPOSTI LI GĦANDHOM IMPATT BAĠITARJU ESKLUŻIVAMENT RISTRETT GĦAD-DĦUL

1. ISEM IL-PROPOSTA:

Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jaġġusta, mill-1 ta' Lulju 2008, ir-rata tal-kontribuzzjoni tal-iskema tal-pensjonijiet tal-uffiċjali u l-aġenti l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej

2. IL-LINJI TAL-BAĠIT:

Kapitolu u Artikolu:

400 Taxxa fuq is-salarji tal-uffiċjali u l-aġenti l-oħra

Ammont ippjanat għas-sena kkonċernata (Baġit 2008):

EUR 529.9 miljun

410 Kontribuzzjonijiet tal-Impjegati għall-iskema tal-pensjonijiet

Ammont ippjanat għas-sena kkonċernata (Baġit 2008):

EUR 350 miljun

3. L-IMPATT FINANZJARJU

☐ Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjonijiet finanzjarji

☒ Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul – l-effett huwa kif ġej:

(€ miljuni espressi sa ċifra deċimali waħda)

Linja tal-baġit:	Dħul[1]	perjodu ta' 12-il xahar mill-01/07/2008	2008
Artikolu 400	*Impatt fuq ir-riżorsi proprji*	-4.1	-2.1
Artikolu 410	*Impatt fuq ir-riżorsi proprji*	19.6	9.8

[1] F'dak li għandu x'jaqsam ma' riżorsi proprji tradizzjonali (dazji agrikoli, imposti fuq iz-zokkor, dazji doganali) jeħtieġ li l-ammonti indikati jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 25% tal-ispejjeż tal-ġbir.

Is-sitwazzjoni wara l-azzjoni					
	2009	2010	2011	2012	2013
Artikolu 400	-4.1	-4.1	-4.1	-4.1	-4.1
Artikolu 410	19.6	19.6	19.6	19.6	19.6

4. IL-MIŻURI KONTRA L-FRODI

5. KUMMENTI OĦRA

Metodu ta' kalkolazzjoni:

Kontribuzzjoni tal-pensjoni = il-kontribuzzjoni l-ġdida - l-implimentazzjoni tas-sena kurrenti.
Kontribuzzjoni l-ġdida = l-implimentazzjoni x ir-rata l-ġdida / ir-rata fis-seħħ

Effett tat-tnaqqis tat-taxxa = 21% taż-żieda fil-kontribuzzjoni tal-pensjoni.